MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1308/2005

**David Ellis, Karta ta' l-identita numru 418390(M) bhala Bursar fl-isem u fl-interess tal-Kullegg St. Edward's**

**Vs**

**Joseph u Agnes konjugi Vassallo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur nomine talab il-hlas tas-somma ta' tmien mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm895) rapprezentanti drittijiet tal-Kullegg St. Edward's ghal taghlim u edukazzjoni, kif ukoll spejjez ohra inkorsi in konnessjoni ma' l-attendenza tat-tifel taghhom, student fl-istess kullegg, u dan skond zewg kontijiet li jgibu d-dati ta' l-1 ta' Settembru, 2003 u s-16 ta' Dicembru, 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur nomine u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tmien mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm895), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------